MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Numru. 940/2003

PULIZIJA
SPETTUR SIMON GALEA
VS
TONI MIFSUD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Toni Mifsud, ta’ 57 sena, bin Filippu u Marija Anna nee’ Galea, imwieled St Pawl il-Bahar fis-16 ta’ Novembru 1946, u residenti Villa Antern, Triq San Pawl, Naxxar, u bin-numru tal-karta tal-identita’ 1083346(M), u akkuzat talli f’dawn il-gzejjer fit-18 ta’ Marzu 2002, u fix-xhur ta’ qabel b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bhala detentur tal-fond Villa Antren, Triq San Pawl, Naxxar, jew bhala persuna li lilu kellu f’idejh l-imsemmi fond, b’mezzi qarrieqa, ikkommmetta serq ta’ kurrent elettriku minn arlogg tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond, liema serq jammonta ghal aktar minn mitt

lira Maltin (Lm100) izda ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu tac-Chairman Enemalta Corporation liema serq hu aggravat bil-hin, mezz u valur.

U aktar talli fl-istess zmien, ghamel hsara volontarja fil-makkinarju jew gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent elettriku.

U aktar talli fl-istess zmien, ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

U aktar talli huwa recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-Artiklu 533 tal-Kodici Kriminali u dan illi l-hati jhallas l-ispejjes tal-esperti mahturin mill-Qorti skond il-Kodici Kriminali.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (ara fol 14 u 18 rispettivament).

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Ispettur Simon Galea, kellu rapport tal-ufficjal tal-Enemalta dwar serq tal-elettriku fil-fond tal-imputat, kien informa lill-Magistrat tal-Ghassa u saret inkjesta. Illi dan il-process verbal gie esebit bhala dokument MC u gew konfermati l-esperti nominati fl-inkjesta.

Mix-xhieda mbaghad tal-ufficjali tal-Enemalta, jirrizulta illi l-ufficjal tal-Enemalta, Paul Pantalleresco kienu accedew fuq il-fond tal-imputat wara li ufficjali tal-Enemalta li kienu qed jahdmu fit-triq fejn joqghod l-imputat, kienu ghamlu rapport dwar il-'meter'. Paul Pantelleresco xehed, a fol 29

et seq, illi huwa kien ezamina l-'meter' u sab is-sigill il-blu li ma kienx qieghed kif suppost, **'kienu qishom imbaghbsin'**. Mitlub jghid spjegazzjoni aktar dettaljata, Pantelleresco jghid **'qisu nfetah bis-shana u li l-meter ma kienx qieghed imwahhal f'postu pero' li l-meter kien qed jirregistra.'** Mistoqsi jekk sabux xi kallu jew xi grif mad-diska, Pantelleresco jirrispondi fin-negattiv.

Inqrat imbaghad ix-xhieda li Pantelleresco ta fil-process verbal a fol 13 et seq, u dan ikkonfermah. F'dik ix-xhieda, Pantelleresco qal is-segwenti:

**'is-sigilli l-homor sabhom tajbin u fil-meter kollox deher sew inkluz il-phases kollha. Il-meter kien qed jirregistra.'**

Joseph Tanti, a fol 35, xehed illi f'dan il-kaz huwa kien mar biex ibiddel l-arlogg:

**'u sibna li dan it-three phase kien maqlugh minn postu u kellu s-sigilli l-blu mhux kif suppost qeghdin…xi haga kien hemm hazina nahseb bilfors…allright kien qed jirregistra bhala meter…'**

Infatti, fix-xhieda tieghu fl-inkjesta, a fol 25 tal-process verbal, dan ix-xhud jghid illi:

**'qlajnihom halli naraw is-shants li kienu sew u anke l-cover kien sew ghalkemm is-sigilli kienu mbaghbsin imma l-bqija kollox kien sew.'**

Illi mix-xhieda ta' Hugh Camilleri, a fol 38, jirrizulta illi l-espert kien iddecieda li ma jbiddilx il-'meter' u dan 'ghaliex dan gol-meter Sur Magistrat ma kien instab xejn as such.'

Yvonne Vella, fix-xhieda tieghu a fol 45, xehed illi bejn is-7 t'April 1997 u Marzu 2002, huma sabu diskrepanza ta' mitejn u disa' u erbghin lira u disghin centezmu (Lm249.90).

L-imputat minn naha tieghu, a fol 50 et seq, xehed illi huwa joqghod Villa Antren, St Paul's Street, Naxxar,

faccata tal-British High Commissioner u ghandu 'three-phase electricity'. Illi fil-jiem precedenti ghal din l-akkuza, l-imputat jghid li kienu gew l-ufficjali tal-Enemalta sabiex ibiddlu l-'cables' tal-elettriku tat-triq ghaliex dawn kienu bis-sistema antika. Meta dan ix-xoghol twettaq, kien sar xi zball u kien hemm 'short circuit', tant illi qabditlu d-dar u l-'foreman' tal-Enemalta kien nizel halli jara huwa stess il-hsarat. Infatti l-'bedroom' inqabdet bil-kontenut taghha. L-imputat jghid li huwa kien iddecieda li ma jfittix lill-Enemalta ghad-danni u xehed illi wara din it-tragedja kollha, kienu gew diversi ufficjali tal-Enemalta biex jaghmlu spezzjoni fuq l-arlogg tad-dawl tieghu u sabu xi difett zghir fis-sens illi l-'meter' tad-dawl kien qieghed imdendel u bdew dawn il-proceduri.

L-imputat ikkonferma illi huwa dejjem hallas il-kontijiet kollha tal-luce elettrika, u xehed illi huwa ma jifhimx fil-luce elettrika u lanqas plakka ma jaf ibiddel ghax jibza' mid-dawl u dejjem iqabbad 'electrician'. L-imputat jghid ukoll illi minn mindu huwa kien dahal f'din id-dar sad-data tal-incident, dejjem kienu gew il-'meter readers' regolarment jaraw u jaqraw dan il-'meter' u qatt ma sabu xejn fih, allavolja kien imdendel kif sabuh l-ufficjali tal-Enemalta.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, din il-Qorti ma tistax bl-ebda mod tasal ghall-konkluzjoni illi l-Prosekuzzjoni pruvat il-kaz taghha fis-sens illi ppruvat li kien qed isir xi konsum illegittimu tal-elettriku, jew li dan il-'meter' kien f'xi sens imbabas. Il-Qorti fliet bir-reqqa x-xhieda li taw Panteleresco u John Tanti, u il-mod riluttanti li bih taw ix-xhieda taghhom, l-ezitazzjoni taghhom sakemm qalu illi s-sigilli blu kienu **'qishom imbaghbsin'**; il-manjiera li biha, meta gew ripetutament mistoqsija x'kellu imbaghbas il-meter, ma gharrfux jirrispondu; il-fatt li l-espert Hugh Camilleri nfatti ma sab xejn hazin f'dan il-'meter', tant li ma kellux ghalfejn jiehdu biex jaghmel almenu xi testijiet fuqu.

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li kien sar xi tbabis fuq dan il-'meter' tad-dawl. Illi in oltre, meta l-imputat irrakkonta fix-xhieda tieghu l-

isfond tal-grajjiet immedjatament precedenti ghal dan l-incident, din il-Qorti tara li din il-kawza nfatti qatt ma messha giet intavolata.

Illi l-Qorti, ghaldaqstant, fid-dawl ukoll tax-xhieda estensiva tal-imputat, ma ghandhiex alternattiva ghajr li ssib lill-imputat mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------